MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 11/2006

**Peter Borg ID 456838M u Charles Vella ID 96362M**

**vs**

**Paul Falzon (422060M) f'ismu personali, u kif ukoll fl-interessi u ghan-nom tas-Socjeta' Tlata Ltd., C 16319**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-12 ta' Jannar 2006 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut f'isem imsemmi, jew f'isem is-socjeta' konvenuta, u cioe' jew min minnhom li jhallas is-somma ta' tlett elef u sitt mija u disgha liri Maltin (Lm3609) rapprezentanti bilanc ta' prezz u imghax rizultanti minn bejgh ta' *"crusher"* u zewg magni skond skrittura datata sittax (16) ta' Frar elf disgha mija u disa' u disghin (1999) u Awissu elf disgha mija u disgha u disghin (1999) (Dok PB 1 u 2) lilhom mibjugha u kkonsenjati u dana kif jirrizulta minn prospett anness mal-prezenti (Dok PB 3).

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta’ Sekwestru numru 76/06 ipprezentati kontestwalment, ta’ l-ittri interpellatorji, datati 22 ta’ Frar 2005, u 16 ta’ Marzu 2005 u bl-imghax legali minn Awissu 2005, ossija d-data tal-prospett, sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut u s-socjeta’ konvenuta jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, l-konvenut Paul Falzon ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li n-negozju li sehh mertu ta’ din il-kawza sar bejn l-atturi u s-socjeta’ Tlata Ltd. Paul Falzon kien qed jidher bhala direttur, rapprezentanti tas-socjeta’ Tlata Ltd.

2. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-merkanzija konsenjata mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta ma kienx tal-kwalita’ pattwita, kif ukoll partijiet essenzjali tal-makkinarju ma kienx gie konsenjat.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi minkejja li gew interpellati diversi drabi da parti tas-socjeta’ konvenuta biex jaghtu l-ircevuta fiskali tal-pagamenti akkont li saru, dawn baqghu inadempjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta’ zewg skritturi ffirmati fis-16 ta’ Frar 1999 u Awissu 1999 gew trasferiti lill-konvenuti *“crusher”* u magna *‘Cummins 310’* kif ukoll *“hydraulic press”* bil-kondizzjonijiet indikati fl-istess skritturi a fol 2 u 3 tal-process. Jidher illi kien hemm xi lment dwar l-operazzjoni tal-*“crusher”* min nahha tal-konvenuti peress

illi dina ma gietx supplita bi *“spare blades”* biex b’hekk darba jitherrew sett ikunu jistghu jinbidlu.

Il-konvenut Paul Falzon xehed illi l-magna tahdem pero’ ma tkissirx iz-zrar, u juza l-*“conveyor belt”* taghha. Rigward il-magna xehed li dina hija magna rari u specjalizzata u tintuza l-aktar fil-gafef. Qal illi l-arrangament ma’ l-atturi kien li jhaddmu din il-magna u jaghtuh il-garanzija, izda dan qatt ma sar. Ma kellu l-ebda ilment dwar il-*“hydraulic press”* li ghadha tiffunzjona. Ikkonferma l-firem tieghu fuq l-iskritturi u wkoll li qatt ma ha passi legali fil-konfront tal-*“crusher”* u l-magna.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qieghdin jeccepixxu illi l-konvenut Paul Falzon personalment mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi n-negozju sar mas-socjeta’ *“Tlata Company Limited”* u t-tieni l-*“crusher”* ma kienetx tal-kwalita’ pattwita’. Rigward l-ewwel eccezzjoni Peter Borg, l-attur xehed illi huwa dejjem tkellem ma’ Paul Falzon u dejjem urieh li kien qed jitkellem ghalih inniffsu. Fil-fatt fl-iskritturi Paul Falzon jidher li qed jagixxi ghalih inniffsu ghad illi hemm indirizz ta’ *“Tlata Company Limited”,* izda jekk Paul Falzon huwiex qed jidher ghan-nom ta’ din is-socjeta’ mhuwiex car mill-iskritturi. Iktar u iktar minn dik tal-bejgh tal-magna *“Cummins”* ta’ Awissu 1999 fejn l-isem ta’ Paul Falzon jidher wahdu minghajr kull kwalifika.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Mirabelle Distributors Limited vs Emmanuel Zammit deciza mill-Qorti ta’ l-Appell f’sede inferjuri fis-16 ta’ Dicembru 2002 fejn ghamlet referenza ghal kawza Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru 1999 fejn inghad *“saru frekwenti l-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas tinheba wara l-eccezzjoni ta’ mhijiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat certa kazijiet huma ovvji u ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero’ wiehed kellu jipprezumi l-persuna li qieghda tikkuntratta kienet qed taghmel hekk f’isimha proprju”.* F’dan il-kaz hemm dubbju

dwar il-kwalita' li bih qieghed jagixxi l-konvenut Paul Falzon u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghamel sew meta ccitah personalment konformament mad-dutrina fuq imsemmija. Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni u tghaddi biex tikkonsidra t-tieni.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut qieghed jeccepixxi illi l-*"crusher"* supplit ma kienetx tal-kwalita' pattwita. L-Artikolu 1390 tal-Kap 16 ighid *"jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."* Dan ifisser quindi illi l-konvenut kellu zewg ghazliet, jew li jirrifjuta li jaccetta l-oggett konsenjat u jirritornah lil sidu jew inkella li jaccetta l-oggett pero' fuq prezz inqas fuq stima ta' perit. Minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn. Ghazel li jzomm kemm il-*"crusher"* kif ukoll il-magna u l-*"hydraulic press"* u issa f'din l-istanza oppona t-talba tal-hlas taghha fuq il-bazi illi l-*"crusher"* ma kienx tal-kwalita' pattwita'.

Skond il-kawza <u>Portelli vs Refalo</u> (Vol XXX p i pg 751) inghad illi "*il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh mhux biss permezz ta'*
*azzjoni, imma wkoll permezz ta' eccezzjoni fil-kawza proposta kontra tieghu. Biex din l-eccezzjoni pero' tista' tigi kkunsidrata l-kompratur irid jiehu azzjoni biex jikkawtela d-drittijiet tieghu."* Dana jinvolvi d-depozitu ta' l-oggett darba jigi rifjutat minghand ix-xerrej, haga li ex admissis il-konvenut ma ghamilx lanqas fir-rigward tal-*"crusher*", il-magna *"Cummins"* u l-*"hydraulic press".*

Fil-kawza <u>Buttigieg vs Hertz</u> (Vol XXXII pt i pg 163) il-Qorti qalet li *"il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f'att tieghu stess."* Hija fehma ta' din il-Qorti illi l-konvenuti f'dan l-istadju b'att taghhom stess tilfu dan id-dritt illi jitolbu ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta huma ma

ddepozitawx formalment fil-Qorti l-merkanzija li huma dehrilhom illi ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Hekk gara per ezempju fil-kawza Attard Brothers vs Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-4 ta' Novembru 1992 fejn il-Qorti osservat illi minkejja illi l-fannijiet li kienu ordnati mid-ditta Attard Brothers ma kienux skond l-ispecifikazzjoni tad-dipartiment, allura f'dak il-kaz id-dipartiment kellha jew tirritorna l-fannijiet jew inkella tiddepozitahhom il-Qorti. Ma setghetx izzomm il-fannijiet u tirrifjuta li thallas il-prezz intier. Dana wkoll gie osservat ricentement f'kawza ohra fl-ismijiet Frederick Micallef et vs May Sullivan deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fit-22 ta' Novembru 2002 fejn hawn ukoll il-Qorti kienet qalet illi *"z-zamma ta' l-oggetti ordnati bid-difetti taghhom kollha u bin-nuqqas ta' azzjoni legali biex jigu kkawtelati d-drittijiet, ix-xerrej irremedjabilment ippregudika d-drittijiet tieghu. Il-fatt li ma ghamel xejn tfisser rinunzja ta' dawn id-drittijiet."* Dan huwa proprju dak li gralhom il-konvenuti. Il-fatt li huma ddecidew li jzommu l-oggetti minghajr ma jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, tfisser rinunzja ghad-dritt taghhom li jagixxu fil-konfront ta' l-artikolu fuq imsemmi 1390 tal-Kap 16. Ghalhekk f'dan l-istadju l-konvenuti ma jistghux jopponu t-talba ta' l-atturi kif proposta fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut Paul Falzon personalment illi jhallas is-somma ta' tlett elef, sitt mija u disgha liri Maltin (Lm3609) rapprezentanti bilanc ta' prezz u imghax rizultanti minn bejgh ta' *"crusher"* u zewg magni skond skritturi datata sittax (16) ta' Frar elf disgha mija u disa' u disghin (1999) u Awissu elf disgha mija u disgha u disghin (1999) lilu mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut Paul Falzon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------